MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru 536/2004

Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin f’isimhom proprju kif ukoll Roberta Grima u l-istess Anthony Gambin u l-istess Bernardette Grech dawn it-tlieta bhala diretturi u ghan-nom ta’ DIX Company Limited
vs
Mary Pisani, Lucienne Farrugia nee` Pisani u Kenneth Pisani kif ukoll ir-Registratur tal-Kumpaniji

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin kienu msiehba f’kumpanija DIX Company Limited (numru ta’ Reg 15688C) flimkien ma’ Marco Pisani kif jindika l-Memorandum u Articles tal-istess kumpanija Dok A.

Illi dawn it-tliet atturi kienu lahqu ftehim ma’ Marco Pisani, illum mejjet, sabiex dan jittrasferixxi favur l-istess atturi elf u hames mitt sehem li Marco Pisani kellu fil-kumpanija DIX Company Limited – u cioe` kellu jsir it-trasferiment ta’ hames mitt sehem lil Alan Grima, hames mitt sehem lil Bernardette Grech u hames mitt sehem lil Anthony Gambin.

Illi Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin fil-fatt kienu hallsu lill-istess Marco Pisani l-prezz ta’ Lm2100.00 ghal dan it-trasferiment evidenzjat bi skrittura tas-6 ta’ Frar 2002 Dok B. Dokument C jikkonferma l-veracita` ta’ Dok B.

Illi Mary Pisani bhala mart Marco Pisani u Lucienne Farrugia u Kenneth ahwa Pisani bhala eredi tal-istess Marco Pisani, kienu qedghin jirrifjutaw li jersqu sabiex jiffirmaw ***“share transfer form”***.

Illi l-konvenuti permezz tal-avukat taghhom kienu talbu formola ta’ ***share transfer*** iffirmata mill-atturi sabiex tigi ffirmata mill-istess konvenuti u tinghalaq il-pendenza – Dok D hija kopja ta’ dik l-ittra. L-atturi diversi drabi interpellaw lill-konvenuti biex jersqu sabiex jigu ffirmati d-dokumenti neccessarji pero` huma baqghu inadempjenti; saret referenza ghall-ittra ufficjali datata 19 ta’ Frar 2004 Dok E.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li Marco Pisani kien biegh u ttrasferixxa lill-atturi Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin elf u hames mitt sehem li hu kellu fil-kumpanija DIX Company Limited u ghal dawn l-ishma Marco Pisani kien thallas minn Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin l-ammont ta’ elfejn u mitt lira Maltin Lm2100.

2. Tahtar nutar u tiffisa lok u hin sabiex din it-trasferiment jigi dokumentat u tahtar ukoll kuraturi sabiex jidhru ghall-kontumaci u/jew ghall-assenti.

3. Tawtorizza lill-atturi jirregistraw skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji dan it-trasferiment ta' l-ishma ta' Marco Pisani u cioe` l-elf u hames mitt sehem (1500) li kellu Marco Pisani fil-kumpanija DIX Company Limited (numru tar-registrazzjoni C15688) sabiex jigu allokati in kwantu ghal hames mitt sehem lil Alan Grima, hames mitt sehem lil Bernardette Grech u hames mitt sehem lil Anthony Gambin.

4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex jirregistra 'l fuq imsemmi trasferiment kif spjegat fit-talba numru 3.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficajli tad-19 ta' Frar 2004. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokuemnti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Mary Pisani, Lucienne Farrugia nee` Pisani u Kenneth Pisani li biha ecceppew:

1. Illi l-konvenuti Kenneth Pisani u Lucienne Farrugia nee` Pisani ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex huma gew immessi fl-impossibbilita` li ishma spettanti lilhom mill-wirt ta' Marco Pisani jigi trasferit f'isimhom peress illi s-socjeta` attrici qed tichdilhom dan id-dritt, u ghalhekk din il-kawza saret intempestivament.

2. Illi inoltre t-talbiet attrici huma nulli stante li l-proceduri obbligatorji stabbiliti fil-Memorandum and Articles tal-istess kumpaniji kif ukoll f'Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ghat-trasferiment tal-azzjonijiet ma gewx segwiti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi kif gie wkoll permess fic-citazzjoni tal-atturi, l-iskrittura esebita tikkostitwixxi biss konvenju ghal trasferiment li l-validita` tieghu skada u dan skond l-artikolu 1357 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Kumpaniji li biha eccepixxa:

Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-proceduri odjerni, il-konvenut Registratur tal-Kumpaniji jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti peress illi hu mhuwiex edott mill-fatti dikjarati tas-socjeta` attrici.

Illi l-konvenut ihoss li kwalunkwe interess tieghu f'din il-kawza ghandu jkun ikkoncentrat ghal dak li ghandu x'jaqsam l-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpaniji, kif mitlub mil-ligi, fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta' dokument li jkun mehtieg li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghal registrazzjoni skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att.

Illi r-Registratur tal-Kumpaniji jhoss illi ma kellux ikun wiehed mil-legittimi kontraditturi fil-proceduri odjerni, peress illi hu fl-ebda mument ma gie rikjest u ghalhekk wisq inqas ma seta jirrifjuta li jirregistra xi trasferiment ta' ishma fis-socjets` DIX Company Limited (numru tar-registrazzjoni C 15688) wara s-6 ta' Frar 2002, u ghalhekk ghandu jkun illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi di piu` t-talba ta' l-atturi li r-Registratur tal-Kumpaniji ghandu jkun ordnat sabiex jirregistra trsaferiment ta' ishma hi biss talba superfluwa u vessatorja u dan ghaliex din tkun biss ordni sabiex ir-Registratur tal-Kumpaniji jkun mitlub li jaghmel xogholu, bhalma dejjem jaghmel, u skond ma hu diga` regolat mill-Artikolu 401 (1) ta' l-Att Dwar il-Kumpaniji, cioe` li wara li jkun sodisfatt illi l-htigiet kollha ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpaniji gew mhasra, jirregistra dokument li jkun mehtieg li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghal registrazzjoni skond xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att.

Illi fl-ahharnett stante li l-meritu tal-kawza tirrigwarda l-allegat lezjoni ta’ drittijiet tas-socjeta` attrici mill-konvenuti l-ohra involuti, jew min minnhom, u bl-ebda mod ma jidher li qed jigi kkontestat l-operat tal-konvenut, il-konvenut Registratur tal-Kumpaniji m’ghandux ibati kwalunkwe spejjez gudizzjarji konnessi ma’ din il-kawza.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta’ Alan Grima fejn issemma li wara tliet jew erba’ snin li kienet ilha ffurmata l-kumpanija, kellhom bzonn jzidu l-facilitajiet mal-bank sabiex jkunu jistghu jkabbru l-operat taghhom. Ghal dan il-ghan kien hemm bzonn li kull ***share holder*** jigarantixxi bi proprjeta` jew flus depositati f’kont fiss. Kien f’dak iz-zmien li Marco Pisani beda jsemmielhom li jekk jigih ic-cans huwa kien jbiegh ix-***shares*** li kellu fil-kumpanija. F’Awissu 2001 kien gie konkluz il-ftehim bejn is-***shareholders*** u s-sur Brian Avellino rigward il-bejh tas-***shares*** tal-istess Brian Avellino. Dan kien wera x-xewqa tieghu li jbiegh ix-***shares*** sabiex ikun jista’ jiftah u jopera hanut ghall-rasu. Kien wara li sehhet din it-trattazzjoni li Marco Pisani informa lilhom x-***shareholders*** l-ohra li huwa kien lest li jbiegh ix-***shares*** tieghu fil-kumpanija stess prezz li kien thallas ghax-***shares*** ta’ Brian. Waqt diskussjoni bejniethom it-tlett ***shareholders*** l-ohra kienu qablu li jixtru dawn is-***shares*** u b’hekk in-numru ta’ ***shareholders*** isir tlieta. B’dan infurmaw lil Marco u hu kien staqrilhom li xtaq jithallas fi flus kontanti. Fil-fatt, huma hallsuh bi flus

kontanti u ta'dan kienu inghataw ricevuta. Kien jonqos li jimtlew il-formoli neccessarji sabiex it-***transfer*** ikun ufficjalizzat pero` gara li, habta u sabta u meta hadd ma kien qed jistennieha, Marco ddahhal l-isptar u fi ftit jiem miet. Ftit taz-zmien wara l-mewt ta' Marco kienu ircevew ittra minghand l-avukat tal-eredi tieghu sabiex ihallsu lura l-ammont misluf minn Marco kif ukoll sabiex jindikaw il-pozizzjoni tal-kumpanija rigward ***shares*** li Marco kellu fil-kumpanija. Fil-fatt, huma nfurmaw lil Dr. Stephen Mifsud illi l-ammont misluf kien mhallas numru ta' snin qabel kif ukoll illi Marco kien biegh ix-***shares*** tieghu ftit tax-xhur qabel il-mewt tieghu. Fil-fatt, kellhom zewg rikjesti; wahda sabiex jghaddu kopja tal-pagament rigward is-self ta' flus u ohra sabiex jghaddu l-ricevuta originali tal-pagament tas-***shares*** lil espert tal-kaligrafija. Dawn iz-zewg rikjesti gew milqugha fis-sens li l-pagament rigward is-self ta' flus gie kkonfermat mill-bank u l-firma fuq ir-ricevuta giet awtentikata u kkonfermata mill-espert tal-kaligrafija. Wara hu kien staqsa lill-Avukat Mifsud x'kien ser jigri u dan kien talbu sabiex jaghtih ftit cans sakemm jiddiskuti mal-eredi. Wara xi tlett jew erbgha gimghat, hu rega' kkuntattjah u dan talbu sabiex jgahddulu l-formoli neccessarji sabiex isir ix-***share transfer*** ghaliex hu qal li l-eredi riedu jikkonkludu. Hu kien talab l-awditur tal-kumpanija sabiex ilestilhom il-formoli tat-***transfer*** u, fil-fatt, ghaddewhom lil Avukat Mifsud madwar gimgha wara l-istess talba tieghu. Madwar gimghatejn wara li ghaddewlu l-formoli, hu kien rega' cempilu sabiex jara fiex kienu waslu l-affarijiet u hawnhekk hu kien qallu li milli ftehmu ma kien ser jsir xejn ghaliex l-eredi kien rega' bdielhom u ma riedux jikkonkludu. Wara dan l-incident huma kienu ddecidew sabiex immexxu bil-prezentazzjoni tac-citazzjoni ghaliex indunaw li ma setghux jaslu peress li kooperazzjoni min-naha tal-eredi kie ukoll min-naha tal-avukat taghhom ma kienx hemm.

Meta xehed <u>Alan Grima</u> gie riferut lilu l-artikoli 9A u 9C ta' l-***Articles of Association*** kif jinstabu a fol. 37 tal-process u jekk saritx din il-procedura meta sar it-trasferiment u qal li l-proceduri li ttiehdu kienu nterni bejn ix-***shoreholders*** waqt ***board meeting*** stess. Mistoqsi dwar id-data fuq dokumenti humiex April 2002 qal illi iva u qal li hemm

raguni ghaliex. Kien talab li ssir ***back dated*** minhabba Dr. Mifsud, minhabba l-ispejjez ***extra*** li setghu jehlu mad-dipartiment tat-Taxxi Interni. ***Seven hundred*** juri l-ammont li gie mhallas minn kull ***shareholder***, ghal tlieta u jammonta ghal ***two thousand one hundred*** (2,100). Id-decizjoni fuq il-bejgh ta' l-ishma kienet wahda unanima dwar il-prezz. Seta' jghid li Marco Pisani ma kienx attenda ghall-***meetings*** iktar f'dawk ix-xahrejn. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament kienx infurmat dwar dawn il-***meetings*** qal illi ma kienx. F'dawk ix-xahrejn, fuq rakkomandazzjoni ta' l-avukat kienu jibaghtu n-***notices*** xorta. Propjament baghatu ghalih darba.

Rat l-affidavit ta' <u>Anthony Gambin</u> fejn issemma li wara tliet jew erba' snin li kienet ilha ffurmata l-kumpanija, kellhom bzonn jzidu l-facilitajiet mal-bank sabiex jkunu jistghu jkabbru l-operat taghhom. Kien f'dak iz-zmien li Marco Pisani beda jsemmielhom li jekk jigih ic-cans huwa kien jbiegh ix-***shares*** li kellu fil-kumpanija. L-ispjegazzjoni li tahom kienet li huwa ma setax jikkommetti ruhu b'dak il-mod minhabba li ma kienx possibli li jgib firma tal-mara. F'Awissu 2001 kien gie konkluz il-ftehim bejn is-***shareholders*** u s-sur Brian Avellino rigward il-bejh tas-***shares*** tal-istess Brian Avellino. Dan kien wera x-xewqa tieghu li jbiegh ix-***shares*** sabiex ikun jista' jiftah u jopera hanut ghall-rasu. Kienu saru diversi ***meetings*** rigward dan u l-partijiet kienu qablu li ssir valutazzjoni tas-***shares*** mill-awditur tal-kumpanija. Wara li din kienet saret, Brian Avellino kien wera l-qbil tieghu wara li konsulta ma' huh li inzerta ***accountant*** u awditur ukoll. Wara li sehhet din it-trattazzjoni li Marco Pisani informa lilhom x-***shareholders*** l-ohra li huwa kien lest li jbiegh ix-***shares*** tieghu fil-kumpanija stess prezz li kien thallas ghax-***shares*** ta' Brian. Waqt diskussjoni bejniethom it-tlett ***shareholders*** l-ohra kienu qablu li jixtru dawn is-***shares*** u b'hekk in-numru ta' ***shareholders*** isir tlieta. B'dan infurmaw lil Marco u hu kien staqrilhom li xtaq jithallas fi flus kontanti. Fil-fatt, huma hallsuh bi flus kontanti u ta'dan kienu inghataw ricevuta. Kien jonqos li jimtlew il-formoli neccessarji sabiex it-transfer ikun ufficjalizat pero` gara li, habta u sabta u meta hadd ma kien qed jistenniha, Marco dahal l-isptar u fi ftit jiem miet.

Rat l-affidavit ta' Emanuel sive Lino Grech fejn issemma li din l-istorja bdiet meta l-azzjonisti ta' Dix Company Limited iltaqghu sabiex wiehed mill-azzjonisti cioe` Brian Avellino jbiegh l-azzjonijiet tieghu l-ohra. Hu attenda flok martu Bernardette Grech. Ftehmu prezz ta' Lm1.40 ghal kull ***share*** ma' Brian Avellino. Waqt minnhom Marco Pisani dar fuqu u qallu li ahjar li kieku kien qed ibieghhom hu milli qed jixtri ta' Brian. Meta hargu barra wara l-laqgha, staqsieh ghala ried ibiegh ix-***shares*** u qallu li minhabba Mary. Ftehmu li jixtru ix-***shares*** ta' Marco Pisani bl-istess prezz billi dan kien il-prezz gust u dak miftiehem ma' Brian Avellino. Hallsuh u ffirmaw il-ftehim ta' bejgh u rcevuta fl-istess waqt. Qalulu li issa kellu jmur b'formola d-Dipartiment ta' l-Inland Revenue sabiex jhallas xi dritt imbaghad l-awditur jiehu hsieb jipprezenta lill-MFSC. Gara li Marco Pisani miet qabel ma ghamel din il-formalita`.

Rat l-affidavit ta' Mark Hili CPAA fejn inghad illi hu l-awditur tal-kumpanija Dix Company Limited u ilu hekk awditur sa mit-23 ta' Dicembru 1999. Qal illi fis-sena 2000 hu kien gie mitlub minn Alan Grima jaghmel valutazzjoni tas-***shares*** tal-kumpanija Dix Co Ltd peress illi s-sur Brian Avellino ried ibiegh is-***shares*** tieghu fl-istess kumpanija, lix-***shareholders*** l-ohra. Hu kien wettaq dan l-inkarigu u hareg valutazzjoni skond il-metodologija pprattikata. Din il-valutazzjoni hija datata 4 ta' Lulju 2000 u annetta kopja taghha ma' l-affidavit bhala Dok MH1. Jaf ukoll li sussegwentement kien effettivament sar il-bejgh tas-***shares*** tas-sur Avellino lis-***shareholders*** l-ohra, peress illi kien hu stess li rregistra dan is-***share transfer agreement***. Dan kien sar fis-27 ta' Lulju 2001. Qal ukoll illi ftit xhur wara dan is-***share transfer***, sar jaf bil-mewt hesrem ta' Marco Pisani. Ftit xhur wara l-mewt tieghu, kien gie mitlub minn Alan Grima jikkompila ***share transfer*** iehor tax-***shares*** ta' l-istess Marco Pisani. Spjega li Alan Grima u Anthony Gambin kienu qalulu li qabel ma miet, Marco Pisani, kien ittrasferielhom is-shares tieghu permezz ta' skrittura privata u kienu urewh skrittura datata 6 ta' Frar 2002. Din l-iskrittura ma saritx minnu u hu ra l-ewwel darba wara l-mewt ta' Marco Pisani u cioe` f'din l-

okkazzjoni meta Alan Grima u Anthony Gambin kienu talbuh biex jirregistra ***share transfer***.

Xehed Joseph Gaffiero u qal illi ra a fol 45 sa 48 tal-process li hu rapport li rrediga hu stess u dwaru qal li fil-fatt ikkompara l-firma ta’ Marco Pisani u kien wasal ghal konkluzjoni li hija l-istess wahda. Ikkonferma l-kontenut ta’ dan ir-rapport. Qal illi fil-fatt hu ghal dan l-ahhar hmistax-il sena gie diversi drabi nominat mill-Qorti bhala espert kalligrafu.

Rat l-affidavit ta’ Mary Pisani fejn issemma li ftit wara l-mewt tar-ragel taghha fil-15 ta’ April 2002 hi marret ghand l-avukat sabiex jigu denunzjati l-assi tar-ragel u sabiex il-proprjeta` li kellha tigi registrata f’isem it-tfal skond it-testment illi kienu ghamlu flimkien. Hi kkunttatjat lil DIX Company Limited sabiex jghaddulhom id-dokumenti mehtiega sabiex jigu trasferiti l-ishma li hi u Marco kellhom fis-socjeta` DIX Company Limited u giet infurmata li Marco xi gimgha qabel ma miet kien thallas is-somma ta’ Lm2100 ghall-ishma li hi u zewgha kellhom fil-kumpanija DIX Company Limited. Hi qatt ma giet infurmata b’dan minn Marco ghalkemm kemm-il darba kienet tghidlu biex ma jibqax fin-negozju mal-atturi. Inoltre, id-data tat-trasferiment tal-ishma ta’ zewgha hu Frar 2002 u meta qalulha li kien gimgha qabel ma miet hi ssuspettat li d-dokument ma kienx wiehed awtentiku. Hi ghalhekk talbet li l-firma tigi verifikata minn espert. Ghalkemm giet infurmata li kienet ser tigi tiswilha aktar minn erbghin lira hi, peress li kienet konvinta li d-dokument ma setax ikun awtentiku, talbet il-verifika ssir xorta wahda. Illi l-firma giet iccertifikata bhala awtentika. Qalet li l-licenzja, permessi u kontijiet sa ftit ilu, u kapaci sal-gurnata tal-lum il-licenzja tal-hanut ghadu registrat f’isem Marco.

Xehdet Mary Pisani u qalet illi l-flus ma haduhomx. Dwar zewgha jekk hadhomx jew le hi la setghet tghid iva u anqas le. Ikkonfermat li huma kienu ghamlu cedola ta’ depozitu halli dawn il-flus jigu depozitati kif hemm fic-cedola fuq parir ta’ l-avukat li kellhom. Mistoqsija kif inhi jekk zewgha ma hax il-flus ghaliex huma ddepozitawhom

lura qalet li l-parir li kien ta l-avukat kien dak u hi mxiet fuq il-parir li kien ta. Qalet li r-ragel kien issellef hames telef lira (Lm5000) u hi stess kienet iffirmat, l-iskop li tigi mibdija d-ditta. L-ewwel kienet hasbet li l-flus ma tawhomlux lura, personalment qatt ma rceviet dawn il-flus lura pero` l-atturi kienu qalulha li tawhom lura lir-ragel. Qalet li veru kienu urewha xi ***statements*** tal-banek, huwa veru wkoll li hi ma baqghetx tinsisti ghall-flus. Mistqosija dwar il-bicca xoghol ta' l-awditur taghhom qalet li fil-fatt l-awditur taghhom baqa' dejjem jinsisti li jara l-affarijiet.

Rat l-affidavit ta' <u>Godwin Falzon</u>, awditur mas-socjeta` HLB Falzon and Falzon fejn gie mitlub mill-konvenuti jghid x'inhi l-prassi kostanti mad-dipartiment tat-taxxa sabiex jigi komputizzat valur ta' ishma f'socjeta`. In-norma accettata mid-dipartiment tat-Taxxa Interni bhala bazi ghall-accertament ta' valur ta' ishma hu s-segwenti: ***Net Asset Value as per balance sheet excluding immovable proprety at cost from the net asset value. Add valutation of immovable property based on architect's certificate. Add to the above the value of goodwill which is calculated as follows: Net Profit/ (losses) before tax for the last five years. This total is then averaged and multiplied by 2. The result constitues goodwill.*** Biex tasal ghall-accertament kif fuq indikat wiehed irid ikollu a dispozizzjoni tieghu ***full set of accounts*** u mhux ***abridged version***.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara li Marco Pisani kien biegh u ttrasferixxa lill-atturi elf u hames mitt sehem li hu kellu fil-kumpanija DIX Company Limited u ghal dawn l-ishma Marco Pisani kien thallas mill-atturi l-ammont ta' elfejn u mitt lira Maltin Lm2100 u l-konsegwenti nomina ta' Nutar u kuraturi u registrazzjoni tal-ishma. L-atturi sostnew li kienu lahqu ftehim ma' Marco Pisani li sussegwentement miet. Hu kellu jittrasferixxi favurihom elf u hames mitt (l,500) sehem li kellu fil-kumpanija DIX Co. Ltd.

Izda Mary Pisani u l-konvenuti l-ohra qeghdin jirrifjutaw li jersqu sabiex jiffirmaw ***"share transfer form***", anke wara

li gew interpellati b'ittra ufficjali datata 19 ta' Frar 2004, l-atturi pprocedew bil-kaz odjern. Illi l-konvenuti Mary Pisani, Lucienne Farrugia u Kenneth Pisani eccepew preliminarjament li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex l-ishma spettanti lilhom mill-wirt ta' Marco Pisani ma jistghux jigu trasferiti f'isimhom peress li s-socjeta` attrici Dix Company Limited qed tichdilhom dan id-dritt. Gie eccepit ukoll, li t-talbiet attrici huma nulli stante li l-proceduri obligatorji stabbiliti fil-***Memorandum and Articles*** tal-istess kumpanija kif ukoll f'Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx segwiti. Gie eccepit ukoll li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li l-iskrittura li kienet saret bejn il-partijiet tikkostitwixxi biss konvenju ghal trasferiment li l-validita` tieghu skadiet u dan skond l-artikolu 1357 tal-Kap 16. Min-naha l-ohra, r-Registratur tal-kumpaniji eccepixxa li mhuwiex edott mill-fatti u li ma kellux ikun wiehed mil-legittimi kontraditturi. Gie eccepit ukoll li t-talba tal-atturi li r-Registratur tal-Kumapniji ghandu jkun ordnat jirregistra trasferiment ta' ishma dan ghaliex kif regolat mill-Artikolu 401(1) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, jirregistra dokument li jkun mehtieg ghar-registrazzjoni.

Irrizulta li eventwalment, Mary Pisani l-konvenuta, inkarigat lil Joseph Gaffiero, espert fil-kaligrafija li hejja rapport li kkonferma li l-firma ta' Pisani fuq l-iskrittura a fol 45 hija l-firma tieghu (fol 46 sa 48). Dan iwassal ghall-fatt li mid-dokument tal-iskrittura msemmija kif ukoll mid-deposizzjonijiet hemm provi sufficjenti quddiem din il-Qorti li tqis li kien intlehaq ftehim bejn l-atturi u Marco Pisani ghat-trasferiment tal-ishma u anke ghaddew il-flus (tant li anke sar depozitu lura). Dak li l-Qorti trid tezamina ghalhekk huma l-eccezzjonijiet sollevati.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Mary Pisani, Lucienne Farrugia nee` Pisani u Kenneth Pisani hija li Kenneth Pisani u Lucienne Farrugia nee' Pisani ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex huma gew immessi fl-impossibilita` li ishma spettanti lilhom mill-wirt ta' Marco Pisani jigi trasferit f'isimhom peress illi s-socjeta` attrici qed tichadhom dan id-dritt, u ghalhekk din il-kawza saret intempestivament. Izda hawn wiehed ma ghandux

ghalfejn jahseb wisq biex jasal ghall-konkluzzjoni li din hija stratagemma legali aktar milli eccezzjoni valida. Huwa veru li jekk l-ishma mhux taghhom huma ma jistghux jittrasferuhom, izda biex wiehed jasal ghal dan irid l-ewwel jikkonkludi propju dak li qed jitolbu l-atturi u cioe' li l-ishma huma tal-atturi. Il-kwistjoni vera hija bejn l-azzjonisti u mhux bejn il-kumpanija u terzi jew ir-Registratur. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni ta' Pisani hija li t-talbiet attrici huma nulli stante li l-proceduri obligatorji stabiliti fil-Memorandum and Articles tal-istess kumpanija kif ukoll f'Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ghat-trasferiment tal-azzjonijiet ma gewx segwiti. L-artikolu 118 tal-Kap 386 jghid hekk:
**"118.** (1) Minkejja kull disposizzjonijiet li jinsabu f'xi ligi ohra, trasferiment ta' azzjonijiet jew ta' obbligazzjonijiet f'kumpannija jista' jsir b'kitba privata.

(2) Kumpannija ma tkunx tista' tirregistra trasferiment ta'azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jekk ma jkunx inghata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tieghu:

Izda bla hsara ghal xi dmir li johrog mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tippregudika xi setgha tal-kumpannija li tirregistra bhala azzjonista jew detentur ta' obbligazzjonijiet lil xi persuna li lilha d-dritt ghal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jkun gie trasferit ***causa mortis***.*"*

Dan jaghmilha cara li l-ewwel element huwa li trasferiment ta' azzjonijiet f'kumpannija jista' jsir b'kitba privata. Dan l-element jirrizulta segwit minn dak li hemm a fol 45 tal-process. It-tieni element huwa li Kumpanija ma tkunx tista' tirregistra trasferiment ta' azzjonijiet tal-kumpanija jekk ma jkunx inghata lill-kumpanija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tieghu. Fil-kaz in ezami dan id-dokument regolari ma jezistix ghax sakemm gew biex jaghmluh l-atturi Marco Pisani lehaq miet. Il-ligi taghmilha cara li minghajr id-dokument regolari ma tistax

issir ir-registrazzjoni izda il-ligi ma tghidx li tali trasferiment ma jkunx validu bhal kif tghid f'tant kazijiet ohra bhal fil-kaz tar-registrazzjoni tal-konvenju u hlas relattiv. Mela ghalhekk ghandna sitwazzjoni fejn l-atturi ghandhom ftehim validu li gustament ir-Registratur ma jistax jirregistra.

Kif inghad il-konvenuti Pisani eccipew ukoll li t-talbiet attrici huma nulli stante li l-proceduri obligatorji stabiliti fil-***Memorandum and Articles*** ma gewx segwiti. Ir-referenza hija ghall-artikolu 9 (a) u 9(c) tal-***Memorandum and Articles*** tal-kumpanija ***Dix Company Limited***. Dawn jistipulaw ukoll il-procedura fir-rigward ta' trasferiment ta' ishma fil-kumpanija. Jirrizulta li dan sar. Izda l-konvenuta Mary Pisani sostniet li kienet lesta tittrasferixxi l-ishma tal-kumapanija, izda sabiex issir il-valutazzjoni tal-ishma, hemm bzonn li jkollhom ***"full set of accounts u mhux abridged accounts".*** Dan pero` qieghed jassumi li l-valutazzjoni ma tkunx giet gja konkluza mill-partijiet fis-sens li huma jkun gja qabblu fuq il-valur u minflok ikun necessarju jigi stabbiliti l-valuri bejn l-azzjonisti minn xi awditur jew ghall-iskop ta' boll. Dan mhux il-kaz odjern u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Izda, fir-rigward tat-tielet eccezzjoni – li l-iskrittura tammonta biss ghal konvenju ghal trasferiment li l-validita` tieghu skada u dan skond l-artikolu 1357 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jidhirx li tista' tkun valida. Minn imkien ma rrizulta li kien hemm weghda ta' bejgh u mhux trasferiment finali u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut ir-Registratur tal-Kumpaniji dan issolleva li in kwantu ghall-meriti fattwali tal-proceduri odjerni jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti peress illi hu mhuwiex edott mill-fatti dikjarati tas-socjeta` attrici. Irrileva li kwalunkwe interess tieghu f'din il-kawza ghandu jkun ikkoncentrat ghal dak li ghandu x'jaqsam l-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpaniji, kif mitlub mil-ligi, fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta' dokument li jkun mehtieg li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghal registrazzjoni skond

xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att. Certament fil-fehma tal-Qorti dan huwa kollu validu.

Illi r-Registratur tal-Kumpaniji hass illi ma kellux ikun wiehed mil-legittimi kontradittu fil-proceduri odjerni, peress illi hu fl-ebda mument ma gie rikjest u ghalhekk wisq inqas ma seta’ jirrifjuta li jirregistra xi trasferiment ta’ ishma fis-socjeta` DIX Company Limited (numru tar-registrazzjoni C 15688) wara s-6 ta’ Frar 2002, u ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan hu argument validu fejn seta’ ma giex inkluz izda l-iskop tal-atturi kien li r-Registratur jkun parti fil-proceduri biex jekk ghandu x’jopponi jghidu f’dan l-istadju u jigi evitat multiplikazzjoni ta’ kawzi fuq l-istess meritu.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tal-atturi tidher gustifikata u ghalhekk tiddikjara li Marco Pisani kien biegh u ttrasferixxa lill-atturi Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin elf u hames mitt sehem li hu kellu fil-kumpanija DIX Company Limited u ghal dawn l-ishma Marco Pisani kien thallas minn Alan Grima, Bernardette Grech u Anthony Gambin l-ammont ta’ elfejn u mitt lira Maltin Lm2100.

Tahtar lin-nutar Dr. Maria Spiteri sabiex dan it-trasferiment jigi dokumentat u tahtar ukoll lil Dr. Veronique Dalli bhala kuratrici sabiex tidher ghall-kontumaci u/jew ghall-assenti, liema att ghandu jigi pubblikat fi zmien xaharejn mil-lum.

Tawtorizza lill-atturi jirregistraw skond l-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpaniji dan it-trasferiment ta’ l-ishma ta’ Marco Pisani u cioe` l-elf u hames mitt sehem (1500) li kellu Marco Pisani fil-kumpanija DIX Company Limited (numru tar-registrazzjoni C15688) sabiex jigu allokati in kwantu ghal hames mitt sehem lil Alan Grima, hames mitt sehem lil Bernardette Grech u hames mitt sehem lil Anthony Gambin.

Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex jirregistra il fuq imsemmi trasferiment kif spjegat fit-talba numru 3.

Spejjez kontra l-konvenuti Pisani u Farrugia hlief dawk relattivi ghar-Registratur tal-Kumpaniji li huma a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------